**12 ta' Frar, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B. Litt., LL.D.**

Emmanuele Bezzina

*versus*

Emmanuele Attard et.

**Likwidazzjoni ta' Wirt — Leġittima — Pagament — Prova — Riċevuta — Interess — Rinunzja — Art. 1203, 1204, 1206, 1277(a) tal-Kodiċi Ċivili — Art. 632(1) (2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Il-pagament jista' jiġi pruvat bil-mezzi kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju, u għalhekk ma jistax jingħad li f'każ ta' trasferiment ta' immobili, jew ta' drittijiet immobiljari, il-ħlas tal-korrispettiv ma jkunx validu jekk ma jsirx per mezz ta' att publiku. Hija għal hekk biżżejjed riċevuta privata, u dik l-irċevuta tista' tinġieb u hija ammissibbli bħala prova. U jekk dik ir-riċevuta ġiet rilaxxjata għas-saldu tad-drittijiet kollha fuq il-wirt ta' persuna oħra, min irrilaxxja dik l-irċevuta ma għandux interess legali li jipprovoka l-likwidazzjoni ta' dak il-wirt, u lanqas il-ħlas tar-riżerva, peress li hu jinsab ġa validament imħallas, u għalhekk il-kawża li jistitwixxi ma jistax ikollha ebda riżultament utili jew vantaġġjuż.*

*Skrittura privata kontenenti l-obligu li wieħed jirrinunzja b'att publiku għad-drittijiet tiegħu fuq il-wirt ta' persuna oħra ma tammontax, "ut sic", għal trasferiment jew rinunzja traslattiva ta' dawk id-drittijiet, iżda għall-wegħda ta' trasferiment, li għaliha hi biżżejjed kitba privata; u għaldaqstant, avvolja dak it-trasferiment ikun għadu ma sarx, il-firmatarju ta' dik l-iskrittura ma jistax jinvoka din l-ommissjoni favur tiegħu u jitlob il-likwidazzjoni tal-wirt, meta hu marbut bi ftehim validu, li b'h irċieva somma ta' flus bħala ħlas definittiv u per saldu ta' kull dritt tiegħu fuq dak il-wirt.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li ppremetta illi fil-31 ta' Marzu 1942 miet Salvatore Attard, li kien miżżewweġ ma' Bernarda Bezzina, u b'testment tiegħu fl-

atti tan-Nutar Oscar Azzopardi tal-14 ta' Jannar 1942 ħalla eredi tiegħu lill-konvenuti; illi l-istess Salvatore Attard kellu iben wieħed leġittimu li miet qablu, u li kien miżżewweġ mal-konvenuta, u li jiġi missier il-konvenuti l-oħra, u kellu wkoll iben illeġittimu li hu l-attur; illi l-attur irċieva £150 akkont biss bħala riżervatarju tal-assi ta' missieru; talab li jiġi likwidat l-assi ereditarju tal-imsemmi Salvatore Attard, wara, għall-bżonn, li jiġi likwidat l-assi konjugali tiegħu, kompriż dak kollu li minnu ddispona bi kwalunkwe titolu gratuwitu, u tiġi likwidata l-kwota spettanti lill-attur bħala ibnu illeġittimu skond il-liġi; u din il-kwota, wara li jitnaqqas l-akkont ta' £150 fuq msemmi, tiġi lilu assenjata, previja d-debita riduzzjoni tad-dispożizzjonijiet testamentarji tal-mejjet, jekk inhu l-każ; b'riżerva għall-frutti. Bl-ispejjeż;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Paolo Attard f'ismu proprju u bħala mandatarju taż-żewġ ħutu msiefrin Emmanuele u Antonio aħwa Attard, li biha ssottometta illi, għalkemm mir-riferta jidher li huma notifikati l-konvenuti kollha, fil-fatt ġie notifikat . . . . . ; u fil-meritu, illi d-domanda tal-attur hija nfondata, għaliex bi skrittura taż-17 ta' Marzu 1945 irċieva s-somma ta' £150 għas-saldu ta' kull dritt u pretensjoni li huwa kellu u seta' jkollu bħala riżervatarju fuq il-wirt ta' Salvatore Attard; liema pagament ta' £150 sar skond l-art. 677(3) tal-Kodiċi Ċivili;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

*Omissis;*

Illi, dwar it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti, l-attur finnota tiegħu fol. 23 issottometta illi d-dritt tal-leġittima huwa dritt reali, u jirrikjedi att publiku biex jiġi trasferit, u għalhekk l-iskrittura privata a fol. 19 ma għandha ebda valur ħlief biex turi l-ammont globali li l-attur irċieva minn għand il-konvenuti akkont tad-drittijiet tiegħu;

Illi l-imsemmija skrittura tikkomprendi żewġ parti, jiġifieri (a) dikjarazzjoni mill-attur li rċieva minn għand l-eredi ta' Salvatore Attard (jiġifieri l-konvenuti) is-somma ta' £150 għas-saldu ta' kull dritt u pretensjoni fuq il-wirt tal-istess Salvatore Attard "bħala riżervatarju tal-assi tiegħu", u (b) obligu da parti tal-istess attur li jirrinunzja per mezz ta' att publiku favur l-imsemmijin eredi għad-drittijiet kollha tiegħu bħala riżervatarju fuq dak il-wirt;

Illi l-ewwel parti tal-iskrittura ma tistax tkun invalida, billi huwa magħruf li l-pagament jista' jiġi pruvat bil-mezzi kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju, jiġifieri bi provi diretti, bħal dokumenti, xhieda, u l-konfessjoni tal-kreditur, kif ukoll bi provi ndiretti, bħal ma huma l-preżunzjonijiet u l-indizji kapaċi li jikkonvinċu lill-ġudikant (arg. art. 1203 u 1204 Kod. Ċiv.). Għalhekk ma jistax jingħad li f'każ ta' trasferiment ta' immobili jew ta' drittijiet immobiljari (li mhux il-każ) il-ħlas tal-korrispettiv ma jkunx validu jekk ma jsirx per mezz ta' att publiku. Il-prattika forensi turi l-kuntrarju, u tinsab konfermata wkoll mill-liġi (art. 1206 Kod. Ċiv.). Biżżejjed ikun hemm riċevuta privata; għaliex, kif jispjega Giorgi, "niun principio di giustizia o di legge sottopone il creditore alle spese, neanche se egli sia analfabeta e debba compilarsi l'atto notarile" (Obbligazioni, Vol. VII, §29). U kif irriteniet il-Kassazzjoni ta' Ruma fl-20 ta' Marzu 1894, in re Crespo c. Seminario di Cagliari, "a riguardo del creditore il pagamento ha sempre il carattere di un fatto semplice, e può essere sempre da lui accertato anche per mezzo della prova orale" (Fadda, Giurisprudenza Codice Civile, art. 1250, §93). Di pjù, dik l-irċevuta tal-attur tikkostitwixxi dikjarazzjoni kontra tiegħu, kif ukoll konfessjoni li hu rċieva £150 għas-saldu tad-drittijiet tiegħu fuq l-assi ta' Salvatore Attard, u anki għal daqshekk l-iskrittura "de qua" tista' tinġieb bħala prova (art. 632(1) Proċ. Ċiv.). Hija mbgħad prova ammissibbli, għaliex dik l-iskrittura hija "kitba...... li tista' tagħti nformazzjoni, tifsir jew raġuni tal-fattijiet miġjuba fil-kawża" (art. 632(2) Proċ. Ċiv.);

Illi, stabbilit li l-ħlas tal-£150 sar validament per saldu tad-drittijiet kollha tal-attur fuq il-wirt ta' Salvatore At-

tard, l-attur ma għandux interess legali li jipprovoka l-likwidazzjoni ta' dak il-wirt, u lanqas li jitlob il-ħlas tar-riżerva, peress li huwa jinsab ġa validament imħallas; u kwindi l-kawża odjerna ma jistax ikollha għalieh ebda riżultament utili jew vantaġġjuż;

Illi t-tieni parti tal-iskrittura tikkontjeni l-obligu tal-attur li jirrinunzja b'att publiku għall-imsemmijin drittijiet tiegħu favur l-eredi ta' Salvatore Attard. Evidentement dan l-obligu, "ut sic", ma jammontax għal trasferiment jew rinunzja traslattiva ta' dawk id-drittijiet, iżda għal sempliċi ftehim li fieh "wegħda" ta' trasferiment, li għalieh biżżejjed kitba privata (art. 1277(a) Kod. Ċiv.); jekk it-trasferiment effettiv sal-lum għadu ma sarx, din hija ħaġa li tinteressa biss lill-konvenuti, li favur tagħhom l-attur impenja ruħu li jagħmel l-imsemmija rinunzja; u l-attur ma jistax jinvoka din l-ommissjoni favur tiegħu, meta hu jinsab marbut bi ftehim validu li bih irċieva £150 bħala ħlas definittiv u per saldu ta' kull dritt tiegħu;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiċħad it-talbiet tal-attur; bl-ispejjeż kontra tiegħu.